*Irkejjen storiċi*

# L-akwedott f'Għawdex

minn Vincent Zammit

Ħafna minn dawk li jmorru jagħmlu żjara sal-gżira ta' Għawdex, jispiċċaw imorru jagħmlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-biċċa l-kbira tan-nies jgħaddu mir-Rabat u jibqgħu sejrin lejn l-inħawi tal-Għarb. Hekk kif joħorġu mir-Rabat, fuq in-naħa tax-xellug tat-triq malajr tinnota li hemm akwedott, simili għal dak li nsibu fit-triq li minn Santa Venera tieħu għal Ħ'Attard, f'Malta. Dan l-akwedott iżda kien inbena fis-seklu dsatax, jiġifieri matul il-ħakma Ingliża f'Malta.

**L-Ilma fil-gżejjer Maltin**

Meta wieħed jitkellem dwar is-suġġett ta' l-ilma mingħajr ma trid ikollok tiftakar kemm hu importanti għall-gżejjer tagħna. Dan hu wisq importanti kemm minħabba li l-istess bniedem għandu bżonn ammont adekwat ta' ilma kuljum, u barra minhekk l-istess art tagħna dejjem tidher li għandha bżonn aktar ilma.

Il-proġett kbir li kienu għamlu l-Kavallieri ta' San Ġwann, fil-bidu tas-seklu sbatax kien immirat biex il-belt Valletta, il-belt kapitali ta' Malta tkun moqdija biżżejjed b'dak kollu li kien hemm bżonn. Ma kienx possibbli li l-istess Ordni jieħu ħsieb ikompli jkabbar dan is-servizz għal madwar il-gżejjer kollha. Iżda fl-istess ħin l-awtoritajiet kienu ndunaw li kien hemm bżonn li jżidu xi ftit mill-fergħat li kellha din is-sistema. Iżda ftit kienu dawk il-postijiet li bdew jinqdew mill-ilma ta' l-akwedott.

Il-gżira ta' Għawdex kienet għalhekk minsija. Kellhom ikunu d-diversi nixxigħat naturali li kien hemm, u li ħafna minnhom jinsabu sal-ġurnata ta' llum, li qdew lill-poplu Għawdxi bl-ilma li kellu bżonn. Dan l-ilma kien jintuża speċjalment għall-għelieqi, u fejn kien ikun hemm il-bżonn, anki għad-djar. Biss, ma rridux ninsew li waħda mill-liġijiet li kienu introduċew il-Kavallieri ta' San Ġwann fil-gżejjer tagħna, kien il-fatt li d-djar kellhom il-bir tagħhom ukoll. B'hekk ħafna djar bdew jinbnew b'din il-faċilità, u anki jekk ma kinux obbligati li jkollhom. Għax fuq kollox, kulħadd jagħraf liġi tajba.



Il-monument li jfakkar il-wasla ta' l-ilma f'Għawdex

Is-sitwazzjoni bdiet tkun aktar diffiċli hekk kif l-awtoritajiet bdew jindunaw li l-popolazzjoni kienet dejjem qiegħda tiżdied, mingħajr ma kien jidher li kien se jkun hemm tnaqqis. U din kienet tkompli tiggrava s-sitwazzjoni għal kull parti tal-popolazzjoni. Dan minħabba l-fatt li wieħed irid jiftakar ukoll li fis-seklu dsatax fil-gżejjer tagħna kien hawn numru ta' suldati u baħrin li kienu stazzjonati fostna. Għaldaqstant wieħed jifhem kemm il-problema kompliet tikber.

**Soluzzjonijiet mill-Gvern Ingliż**

Mingħajr ma ried l-istess Gvern Ingliż kellu ta' bilfors jieħu ħsieb jara kif kien se jirranġa s-sitwazzjoni fiż-żewġ gżejjer. Kien għalhekk li f'Malta kien hemm il-proġett ta' l-akwedott li mill-inħawi tal-Fawwara kien jittieħed l-ilma lejn it-tlett ibliet tal-Kottonera. Parti mill-akwedott għadu jidher sal-ġurnata ta' llum, fl-inħawi tal-Providenza, fil-limiti tas-Siġġiewi. Kien hemm proġett ieħor ukoll għall-inħawi tar-Rabat, fejn sar il-proġett magħruf ta' Chadwick. Minħabba f'hekk l-ilma li kien jitwassal fl-akwedott ta' Wignacourt kien żdied mhux ħażin.

Issa kien imiss ukoll li l-gżira t'Għawdex tkun il-mira ta' dawn il-proġetti fejjieda. Minħabba f'hekk naraw li kien ingħata bidu għal dan il-proġett fis-sena 1841. Il-ħsieb wara dan il-proġett kien li mhux biss kellu jkun hemm imwassal aktar ilma lejn ir-Rabat, fejn kien hemm l-akbar konċentrazzjoni ta' nies jgħixu fil-gżira ta' Għawdex, iżda kellhom ukoll jikkontrollaw l-ilma li kien ħiereġ minn għejun naturali, ħalli b'hekk ma jkunx hemm ħela.

L-ilma kien ittieħed mill-inħawi magħrufa bħala Għar Ilma. Kien fis-sena 1839 li ngħata bidu għal dan il-proġett, għalkemm hemm min jgħid li s-sena kienet 1840. L-ilma kien għadda minn kanali taħt l-art, tkompla fuq l-akwedott, u mbagħad tkompla sar-Rabat minn taħt l-art. L-ewwel darba li kien hemm l-ilma kien nhar is-6 ta' Settembru tas-sena 1843.

L-ilma kien deher minn funtana li kienet tinsab f'Misraħ Santa Sabina. Aktar tard, eżattament fis-sena 1877 l-ilma kien tkompla twassal lejn ir-Rabat, u anki mtella' saċ-Ċittadella, iżda din id-darba kien miġjub mix-Xagħra. Kien hemm imħaffrin ġibjuni wkoll, u b'hekk kienu qegħdin jassiguraw li jkun hemm kwantità ta' ilma adekwata għall-popolazzjoni.

**Storja marbuta ma' Għar Ilma**

Naħseb ikun xieraq ukoll li hawnhekk nirrakkuntaw storja li tingħad dwar Għar Ilma. Jingħad li kien hemm joqogħdu f'razzett missier u żewġt itfal tiegħu. Dawn is-subien kienu ddeċidew li jitilqu lejn Sqallija minħabba li kien hemm wisq nuqqas ta' ilma fl-inħawi. Iżda x-xiħ baqa' jgħix waħdu. Sakemm lejla minnhom kien sema' taħbit fuq il-bieb tal-għorfa u wara li għaraf minn kien fetaħlu l-bieb. Dan kien ġuvnott li kien qiegħed jaħrab minħabba li kien inqabad jisraq mill-għelieqi.

F'dawk l-inħawi dan il-ġuvnott mhux biss sab il-kenn, iżda fl-istess ħin sab ukoll l-għajnuna tax-xiħ. Dan żammu jgħix miegħu. Jum fost l-oħrajn, waqt li l-ġuvnott kien qiegħed jaħdem fl-għelieqi, mar jipprova jsib xi ftit tal-kenn mis-sħana tal-jum. Kien dak il-ħin li daħal f'wieħed mill-għerien li hemm fl-inħawi. Fil-ħemda tal-post beda jisma' tqattir ta' l-ilma. U għalkemm għall-ewwel ħaseb li kienet l-immaġinazzjoni tiegħu, hekk kif mar ifittex, sab nixxiegħa naturali. Dik kellha tkun ir-rigal ta' dan il-ġuvnott lil dan ix-xiħ li kien tah il-kenn meta kellu bżonn.

Illum il-ġurnata l-inħawi ta' Għar Ilma għadhom kemmxejn maqtugħin għalihom mill-kumplament tal-għaġla tal-ħajja ta' kuljum. Parti mill-akwedott għadu jidher ukoll, taħt Għar Ilma, u maġenb it-triq li tagħti mir-Rabat għal-Għarb. Il-funtana li kien hemm f'Misraħ Santa Sabina m'għadhiex hemm. Iżda quddiem it-taraġ li jwassalna saċ-Ċittadella għad hemm monument li jfakkar il-wasla ta' l-ilma sa dan il-post.